**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 13 ta' Marzu 2023**

**Rikors Nru. 320/2019 GM**

**Joseph Camilleri (KI 412756 M)**

**vs**

**Peter Agius (KI 131770 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Joseph Camilleri li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

> Nhar is-sitta (6) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' appalt, fejn il-konvenut bħala kuntrattur, intrabat illi jagħmel diversi xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' blokka ta' bini ġewwa s-sit fi Triq Patri Guze' Delia, il-Mosta, magħrufa bħala 'Taż-Żokrija', lill-attur, hekk kif imfisser fl-imsemmi kuntratt ta' appalt, (Dok JC 1).
>
> Qabel ma' l-konvenut beda x-xogħlijiet l-esponenti għadda lill-konvenut pagament ta' għoxrin elf ewro (€20,000), bil-quddiem lill-kovenut, u dan sabiex fuq rikjesta tal-istess konvenut, ikun jista' jkopri l-ispejjeż inizjali illi kellu.
>
> Meta beda għaddej ix-xogħol, il-konvenut mill-ġdid reġa' beda jitlob pagamenti bil-quddiem, madanakollu l-esponenti, ġibidlu l-attenzjoni illi dan ma kienx skont dak miftiehem fil-kuntratt ta' appalt suindikat, madanakollu, il-konvenut baqa' jinsisti illi jsiru dawn il-pagamenti, stante li fin-nuqqas kien beħsiebu iwaqqaf ix-xogħlijiet, u

għalhekk l-esponenti kien kostrett illi jagħmel pagamenti oħra, bir-riżultat, illi b'kollox, l-esponenti għadda lill-konvenut is-somma globali ta' tmenin elf ewro (€80,000), (liema somma tinkludi fiha l-għoxrin elf ewro (€20,000) ġia indikata), u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ.

Sa Settembru 2018, ix-xogħlijiet li kien qiegħed jagħmel il-konvenut waqgħu lura ħafna, ai termini ta' dak stipulat fil-kuntratt suindikat, kif ukoll illi l-imsemmi konvenut saħansitra issospenda x-xogħlijiet għal diversi ġimgħat, kif ukoll abbanduna x-xogħol, billi ma resaq lejn il-lant tax-xogħol għall-aktar minn tliet (3) ġimgħat, u lanqas baqa' jikkomunika mal-esponenti, kull meta pprova jkellmu.

Għalhekk, l-esponenti kien kostrett ai termini tal-liġi, kif ukoll ai termini tal-imsemmi kuntratt ta' appalt, jipproċiedi sabiex iwaqqaf l-imsemmi kuntratt ta' appalt mal-konvenut, permezz ta' ittra datata l-Ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018). (Dok JC 2).

Kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża, kien hemm ukoll diversi xogħlijiet illi saru ħażin mill-konvenut.

Wara li l-Perit l-AIC Raymond Sammut, u cioe' l-Perit inkarigat mill-imsemmi proġett, għamel il-valutazzjoni tax-xogħlijiet illi laħqu saru mill-konvenut sa dakinhar illi huwa twaqqaf minn dan il-kuntratt ta' appalt, kien jirriżulta illi l-konvenut għandu jirrifondi lill-esponenti s-somma ta' ħdax-il elf, u ħamsa u erbgħin ewro (€11,045), imħallsa żejda mill-attur lill-konvenut, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża. (Dok JC 3 sa Dok JC 8 ).

Inoltre, jirriżulta illi minħabba dan l-aġir tal-konvenut, l-esponenti kellu jsofri danni ulterjuri, minħabba illi kellu jinkariga lil ħaddieħor sabiex ikompli bix-xogħlijiet, liema danni jikkonsistu fi spejjeż addizzjonali, rati ferrn ogħla, telf ta' bejgħ minħabba li x-xogħol waqa' lura, u x-xogħol ieħor li kellu jsir mill-ġdid minħabba illi kien sar ħażin mill-konvenut, u dan ukoll kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża.

Għalhekk kellha ssir din il-kawża.

## Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut għandu jirrifondi lill-attur, is-somma ta' ħdax-il elf u ħamsa u erbgħin ewro (€11,045), konsistenti fi drittijiet, spejjeż u materjal, in konnessjoni max-xogħlijiet mertu tal-kawża odjerna, imħallsa żejda mill-attur lill-konvenut;

2. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur, l-imsemmija somma ta' ħdax-il elf, u ħamsa u erbgħin ewro (€11,045);

3. Tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għad-danni kaġunati lill-attur, liema danni jikkonsistu, fi spejjeż addizzjonali, rati ferm ogħla, telf ta' bejgħ minħabba li x-xogħol waqa' lura, u xogħol ieħor illi kellu jsir mill-ġdid minħabba illi kien sar ħażin mill-konvenut, illi l-attur sofra minħabba li kellu jinkariga lill-ħaddieħor sabiex ikompli bix-xogħlijiet;

4. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u;

5. Tikkundanna lill-konvenut, iħallas lill-attur, dawk l-ammonti hekk likwidati u dikjarati bħala dovuti in linea ta,'danni, kif imfisser.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Peter Aguis li permezz tagħha eċċepixxa illi :-

1. It-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dan stante illi mhux minnu illi l-esponenti għandu jħallas lill-attur anzi huwa l-esponenti illi fadallu jieħu bilanċ fl-ammont ta' tmienja u tletin elf sitt mija u għoxrin ewro (€38,620) tant illi l-esponenti intavola kawża fl-ismijiet Peter Agius vs Joseph Camilleri quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta liema kawża ġġib in numru 277/19 GM.

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost dak indikat mill-attur in kwantu għar-rifuzzjoni ta' ħdax-il elf u ħamsa u erbgħin elf ewro konsistenti fi drittijiet, spejjeż u materjal ma għandux mis-sewwa u dan stante illi l-esponenti ma tħallax żejjed mill-attur u dan kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost il-kontijiet maħruġa mill-esponenti huma effettivament il-kontijiet maħruġa mill-Perit nkarigat mill-attur u cioe' Raymond Sammut illi ħareġ żewġ kontijiet u cioe' wieħed fl-ammont ta' erbgħa u disgħin elf sbatax-il ewro u tnax-il ċenteżmu (€94,017.92) inkluż il-VAT u ieħor għal crane footing fl-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf sitt mija u ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€24,601.91) mil-liema somma komplessiva ta' mija u tmintax-il elf sitt mija u għoxrin ewro l-attur ħallas is-somma ta' tmenin elf ewro u għalhekk jibqa' bilanċ li għandu jitħallas lill-esponenti.

4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost kien l-attur illi ddeċieda li jwaqqaf lill-esponenti milli jkompli x-xogħol u dan minkejja illi l-esponenti kien ser ilesti x-xogħol skont it-termini maqbula bejn il-partijiet fil-kuntratt tal-appalt datat 6 ta' Diċembru 2017 u għalhekk żgur ma għandux ikun l-esponenti illi jiġi ikkundannat iħallas danni.

5. Mingħajr preġudizzju għas-suespost ma hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati u dan minħabba xi xogħol li ma sarx skont is-sena u l-arti tant illi x-xogħol sar tajjeb fejn il-perit inkarigat mill-attur stess iċċertifika dawn ix-xogħlijiet tant illi sussewntement ħareġ il-kontijiet relattivi għax-xogħlijiet magħmula mill-esponenti.

6. Mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur.

Rat il-proċess numru 277/2019 fl-ismijiet Agius Peter v Camilleri Joseph.

Rat li l-partijiet naqsu li jressqu sottomissjonijiet fiż-żmien lilhom mogħti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

Din hija azzjoni għad-danni minħabba nuqqas ta' twettiq ta' appalt flimkien ma talba ta' rifużjoni ta' bilanċ imħallas żejjed. L-attur ried jibni blokk t'appartamenti fuq sit tiegħu fil-Mosta u daħal fi ftehim t'appalt mal-konvenut Agius għal dan il-għan permezz ta' kuntratt fis-**6 ta' Diċembru 2017**. Ix-xogħol kellu jibda' fl-**1 ta' April 2018** u jispiċċa fl-intier tiegħu fl-**31 ta' Marzu 2019** b'dan li kellha titħallas penali ta' mija u ħamsin ewro (€150) għal kull jum ta' dewmien, inklużi Ħdud u festi pubbliċi.

Skont l-attur, ix-xogħol miftiehem ma sarx kollu u parti minnu sar ħażin. Minkejja li nġibditlu l-attenzjoni kemm mill-attur kif ukoll mill-perit inkarigat, ma rriżultax titjib fl-iskeda tax-xogħol u lejn Awwissu, il-konvenut ma marx aktar fuq il-lant tax-xogħol. Ġibed l-attenzjoni tal-konvenut diversi drabi, kien iċempillu tlieta u jew erba' darbiet kuljum u ma kienx jirnexxielu jikkomunika miegħu. Saħansitra mar quddiem id-dar tal-konvenut jara meta se jitkompla x-xogħol iżda dan ma ħax

gost bih. Għalhekk waqqaf l-appalt u qabbad lil ħaddieħor biex isewwi x-xogħol ħażin u jtemm il-binja. Kellu jħallas rati ogħla għax-xogħol li kellu jsir.

Il-konvenut jiddefendi ruħu billi jgħid illi kien bagħat lill-ħaddiema kollha tiegħu fuq lantijiet oħra sabiex ifittxu jagħlquhom u hekk ikun jista' jiffoka fuq is-sit in kwistjoni. Jgħid li kien aċċerta lill-attur illi xorta waħda kien se jitlesta l-proġett fil-ħin. Il-konvenut jgħid ukoll illi ttardja fix-xogħlijiet għax sab periklu u kellu jagħmel xogħol oltre' minn dak mifthiem.

Camilleri jirribatti fil-kontro-eżami tiegħu illi kull ma kellu jagħmel Agius kien li jimxi mal-pjanti tal-Perit u qabel beda x-xogħol kien mar fuq is-sit tliet darbiet u qatt ma semma' periklu.

Il-kuntrattur li daħal wara l-konvenut, Brian Lia stqarr li ma kienx hemm xogħol ta' periklu u ċaħad li l-konvenut kien ikkomunika miegħu u li qallu biex joqgħod attent mill-attur għax jaf ikollu problemi miegħu. B'hekk ikkontradixxa dak li jistqarr il-konvenut.

L-attur **f'Mejju tal-2018**, kien ġibed l-attenzjoni tal-perit tal-proġett, il-Perit Raymond Sammut illi x-xogħol fuq is-sit mhux qed isir sew u li l-kuntrattur biex jiffranka l-ħin u l-flus ma kienx qed jagħti kas ta' dettalji u azzjonijiet importanti bħat-tajn li juża' - li ma kienx fih konkos miegħu u għalhekk ma kienx b'saħħtu, u li ma kellux nies tas-sengħa miegħu. Camilleri xtaq li jkellem lil Agius flimkien mal-Perit qabel jitkompla x-xogħol għax ma kienx kuntent kif mexjin l-affarijiet. Il-Perit kien tah parir li ma jkomplix iħallas lil Agius bil-quddiem u li ma kellux

iħallsu jekk ma jiċċertifikax ix-xogħol huwa stess. Camilleri diġa' kien ħallas aktar milli kienu ftiehmu fuq il-kuntratt t'appalt. [1]

Fit-**23 ta' Mejju 2018** il-Perit Sammut ġibed l-attenzjoni ta' Agius permezz ta' *e-mail* u indikalu illi meta mar fuq il-post ma sab lil ħadd, illi "*walls have already gone up more than what was agreed....hence the difficulty of making sure that the concrete blocks are actually filled with concrete. The mortar is still considerably lacking cement even though you told me that you will be improving the mix".*[2] U li importanti li jżommu mal-ftehim inkella ma jkunx jista' japprova x-xogħol.

Il-Perit Sammut rega' bagħat email lil Agius fl-**24 ta' Mejju 2018** li kien mar fuq is-sit iżda reġa' ma kien hemm ħadd.[3] Skont Agius, huwa kien qal lil Camilleri illi se jibgħat lill-ħaddiema tiegħu fuq diversi lantijiet tax-xogħol oħra ħalli jagħlqu kollox u wara jiffukaw biss fuq is-sit in kwistjoni.

Fil-**15 ta' Ġunju 2018** l-Perit Sammut reġa' ġibed l-attenzjoni ta' Agius li x-xogħol qed jaqa' lura u li skont il-ftehim, sat-30 ta' Ġunju 2018 Livell 1 (Lower Basemenet) kellu jkun lest iżda kien evidenti li ma kinitx sejra tinżamm din l-skadenza. Avżah sabiex ikompli jaħdem fuq is-sit u jżid il-ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol sabiex ipatti tal-ħin mitluf.[4]

**Fit-3 ta' Lulju 2018**, il-Perit Sammut bagħat email lil Agius li kienu tpoġġew xi travi mingħajr ma ġie avżat u għalhekk ma setax jiġu ccertifikati minnu sabiex isir il-ħlas, sakemm ma jiġux iċċertifikati minn awtorita' indipendenti dwar il-kontenut

[1] Fol 60.
[2] Fol 63.
[3] Fol 64.
[4] Fol 65.

tal-azzar u l-grad tal-konkrit. Il-Perit talab lil Agius sabiex jinfurmah tal-inqas minn ġurnata qabel sabiex ikun jista jivverifika kwalunkwe konkrit u azzar u biex ikun prezenti waqt il-process tal-konkrit.[5]

**F'Awwissu,** Agius abbanduna x-xogħlijiet fuq is-sit in kwistjoni, fatt li mhux kontestat mill-konvenut. Sa dakinhar kien lesta biss żewġ terzi tal-livell 1 (*lower basement*). Dan jikkonfermah Brian Lia, il-kuntrattur li daħal wara l-konvenut, kif ukoll l-kontijiet maħruġin mill-Perit tal-proġett. Sa dan iż-żmien, Camilleri kien diġa` ħallas €81,000 kif juri dokument ippreżentat minn Camilleri stess bil-firem ta' Agius għal kull pagament.[6]

**Fl-1 ta' Ottubru 2018** l-attur qabbad avukat biex jgħarraf lill-konvenut illi jekk ma jkomplix bix-xogħlijiet fi żmien ħmistax-il ġurnata, kien sejjer jiġi tterminat il-kuntratt t'appalt.[7] L-attur seta' jagħmel dan għaliex fil-kuntratt ta' bejniethom hemm stipulat illi:

> The customer may terminate this Agreement without a obligation to compensate the contractor for such termination, in the event of:
>
> The contractor' suspension of work for a period of more than seven (7) days.
>
> The contractor's failure to complete the work within the stipulated period or milestone.
>
> The contractor' abandonment of work (abandonment implies that the contractor fails to show up on site with a sizeable workforce for a period of three weeks) and/or any other contractor's material breach of this agreement.
>
> Provided however, that the customer has given the contractor at least seven (7) days written notice of the termination and the opportunity to cure the breach within fifteen (15) days from notification. Should the Contractor not remedy the breach within the

[5] Fol 66.
[6] Dok JC10 a fol 67.
[7] Dok JC2 a fol 14 fil-proċess 320/19.

> timeframe provided, this Agreement shall terminate *ipso jure* without the necessity for the Customer to obtain any judicial declaration of termination.[8]

Fis-17 ta' Ottubru 2018 Agius wieġeb li kien għad irid jitħallas bilanċ ta' €38,619[9].

Għal dawn iċ-ċifri, il-partijiet imxew fuq il-kontijiet maħruġin mill-Perit Sammut. L-ewwel kont tal-**10 ta' Ottubru 2018** kien għal-livell 1 u 2 u parti mill-pedamenti li jammonta għal €94,017.92.[10]

Irriżulta illi kien hemm żball ta' €10,311.79 f'dan il-kont u m'hemmx kontestazzjoni dwar dan. Għalhekk il-kont korrett kellu jkun ta' €83,706.13. Il-konvenut jgħid illi kien hemm xi xogħlijiet żejda li għamel waqt li kien għaddej bil-proġett iżda ma ġabx ċifra eżatta jew dokumenti. Il-Perit Sammut xehed illi jekk kemm il-darba kien hemm xi xogħlijiet żejda bħal ma qed jgħid il-konvenut, dawn kienu minimi u ma kienux se jaffettwaw l-ammont tal-kontijiet.

It-tieni kont ta' €24,601.91 inħareġ fit-**12 t' Ottubru 2018** li kien għall-bini tal-*crane footing.* Il-ftehim kien li jagħmlu *tower crane* li kellu jkun fiċ-ċentru tal-*lift* u kellu bżonn bażi tal-konkos.[11] Din il-bażi bniha l-kuntrattur Peter Agius u baqgħet tintuża' meta l-kuntrattur ma baqax jaħdem fuq dik is-sit. Sa fejn jaf il-Perit Sammut, dan l-ammont kellu jitħallas mill-attur.

Il-Perit jispjega illi dawn il-kontijiet inħarġu wara li marru fuq is-sit iż-żewġ partijiet miegħu sabiex jivverifikaw il-kejl. Iġifieri, kompla jispjega l-Perit, jekk ħareġ xi kont ikun ifisser li l-kuntrattur ikun għamel dawk ix-xogħlijiet u jrid jitħallas tagħhom skont ir-rati maqbula bejniethom.

## Ikkunsidrat

Il-konsiderazzjonijiet legali li jintrabtu mal-każ jinvolvu b'mod ewlieni l-effetti tan-nuqqas ta' twettiq tal-appalt mill-konvenut.

---

[8] Vide dok JC1 a fol 10.
[9] Dok JC3 a fol 15 *ibid.*
[10] Dok B a fol 10 fil-proċess 277/2019.
[11] Dok C a fol 19 *ibid.*

Għalhekk, l-ewwel stħarriġ li l-Qorti trid tagħmel huwa dwar jekk twettqux l-obbligi kuntrattwali. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut naqas milli jtemm ix-xogħol li tqabbad jagħmel. Sa madwar tliet xhur wara li kellu jibda x-xogħol, mhux biss l-attendenza tiegħu fuq il-post tax-xogħol bdiet kulma jmur tonqos, iżda wkoll ir-rata tal-progress tax-xogħlijiet imwettqa bdiet tħasseb kemm lill-attur u kif ukoll lill-perit tiegħu. F'Awwissu, il-konvenut baqa' ma resaqx aktar lejn il-lant u lanqas kien qiegħed iwieġeb it-telefonati kontinwi tal-attur.

Min jagħti x-xogħol jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, imqar jekk ix-xogħol ikun diġa` beda[12]. Din l-għażla jkollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun imqar bil-fomm[13]. **Jekk ikollu raġuni tajba** biex itemm l-appalt, min jagħti x-xogħol għandu xorta waħda jħallas lill-appaltatur somma li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż u x-xogħol, wara li jittieħed qies tal-utilita` li dak ix-xogħol mitmum ikun għal min ikun ordna x-xogħol u d-danni li jkun ġarrab minħabba r-raġuni li għaliha jkun qatagħha li jtemm l-appalt[14]. Jekk, min-naħa l-oħra, min jagħti x-xogħol **ma jkollux raġuni tajba** biex iħoll l-appalt, għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż, ix-xogħol, somma oħra meqjusa mill-Qorti bħala dik li ma tkunx ogħla minn kemm kien ikun il-qligħ tal-appaltatur mill-appalt li kieku tħalla jagħmlu kollu[15].

Raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf qabel il-waqt minn min jagħti x-xogħol jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Tali nuqqas f'dan il-każ huwa n-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem.

F'dan il-każ kien hemm ukoll kondizzjoni riżoluttiva espressa fil-ftehim (li tiġi bil-liġi meqjusa bħala applikabbli f'kull kuntratt bilaterali), biex unilateralment iħoll il-kuntratt. Fil-ftehim tal-appalt imfassal mill-perit kien hemm klawsola li tgħid x'inhuma ċ-ċirkostanzi li bihom min ta x-xogħol seta' jwaqqaf il-kuntratt. Għalhekk il-mod kif kien qed jitmexxa x-xogħol mill-konvenut kienu jiġġustifikaw għal kollox il-pass li ħa l-attur. Dan ma jidhirx li għamlu b'mod kapriċċjuż jew

[12] Art. 1640(1) tal-Kap 16.
[13] Art. 1640(5) tal-Kap 16.
[14] Art. 1640(3) tal-Kap 16.
[15] Art. 1640(2) tal-Kap 16.

b'għaġġla. Għall-kuntrarju, jidher li l-attur għal iżjed minn darba ta lill-konvenut il-benefiċċju tad-dubju u, kien jagħtih ċans ieħor.  Meta daħal iż-żmien u kien jidher ċar li l-proġett ma kienx sejjer jitlesta fil-ħin, u meta l-konvenut spiċċa biex ma resaqx aktar fuq il-lant tax-xogħol, l-attur kellu kull raġun iwaqqaf l-appalt formalment permezz t'ittra legali. Minbarra dan, il-Qorti ssib li, sal-waqt li l-attur ħa l-imsemmija deċiżjoni, il-konvenut kien wera li ma riedx ikompli aktar bil-proġett u għalhekk kien hemm każ ta' inadempiment tal-kuntratt.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-attur kellu raġuni tajba biex itemm l-appalt mogħti lill-konvenut.

Dwar l-effetti tal-inadempiment kuntrattwali u l-pretensjonijiet tal-attur, il-Qorti trid tqabbel dak li tipprovdi l-liġi ma' dak li jippretendi Camilleri. Fil-każ tal-lum, l-attur jgħid li, b'riżultat tal-inadempiment, ġarrab ħsara li tikkonsisti fi ħlas ta' prezzijiet ogħla biex qabbad lil ħaddieħor itemm ix-xogħol mitluq nofs leħja kif ukoll penali għad-dewmien fix-xogħol. L-attur sarraf dawn l-irjus ta' danni f'somma likwidata ta' €115,515.

Kif ingħad, l-attur ġabar il-pretensjonijiet tiegħu dwar id-danni fi taħt tliet partijiet. Dawn jikkonsistu fi (i) ħlas żejjed lill-konvenut – € 11,045, (ii) differenza fir-rati tal-kuntrattur il-ġdid – €86,170;[16] (iii) telf ta' bejgħ minħabba li x-xogħol waqa' lura.

Dwar parti (i),  il-kontijiet maħruġa mill-Perit li kellhom jitħallsu mill-attur kienu jammontaw għal €83,706.13 u €24,601.91 – total ta' €108,308.04. L-attur diġa` ħallas lill-konvenut €81,000 u għalhekk fadallu jagħtih €27,308.04.  Ma ħallas xejn żejed lill-konvenut.

Dwar parti (ii), il-Qorti rat li tressqu provi tajbin biżżejjed u dettaljati b'mod li tista' toqgħod fuqhom mingħajr eżitazzjoni, u sejra tilqagħhom.

Dwar il-parti (iii), l-attur ma jitlobx speċifikament il-ħlas tal-penali fir-Rikors Ġuramentat tiegħu, u jitlob biss kumpens għad-danni.  Iqum il-kweżit dwar jekk din il-penali hijiex danni għal telf ta' bejgħ minħabba li x-xogħol waqa' lura jew le.

---

[16] Ara Dok JC 11 a fol 69 et seq fil-proċess 277/19.

Artiklu 1118 tal-Kodiċi Ċivili jagħti t-tifsira ta' **klawżola penali** bħala

> … dik li biha wieħed, sabiex jiżgura l-esekuzzjoni ta' ftehim, jobbliga ruħu għal xi ħaġa fil-każ li jonqos li jesegwih.

Imbagħad Artiklu 1120(1) jissokta jgħid li

> Il-**penali hija l-kumpens tal-ħsara** li jbati l-kreditur minħabba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali.

Bla dubju, l-"klawżola penali" (Art. 1118) għandha tifsira usa minn dik tal-"penali" (Art.1120(1)). Filwaqt li "penali" tfisser danni; "klawżola penali" għalkemm tista' tfisser ukoll danni, tista' tfisser sanzjoni mposta bħala assikurazzjoni li d-debitur tal-obbligazzjoni jwettaqha billi tipprovdilu diżinċentiv biex ma jwettaqhiex. Fi kliem ieħor jista' ma jkollha l-ebda skop li tagħmel tajjeb għad-danni; imma li sservi ta' "*penalty*" jew multa. Jista' jkollha funzjoni li trażżan jew li ġġiegħel b'saħħa psikoloġika lid-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaqha (*funzione coercittiva*);[17] jew ta' piena privata;[18] jew ta' sanzjoni ċivili awtonoma li la għandha l-iskop ta' rkupru tad-danni u lanqas li sservi ta' piena.[19]

Huwa u jikkummenta dwar id-Dritt Ingliż, il-**Halsbury** jgħid hekk:

> The parties to a contract may at the time of entering into it provide that in the case of breach the party in default is to pay to the other a sum certain, specified in, or ascertained from, the contract. This sum may be either liquidated damages in which case it is not to be interfered with by the Court, or a penalty, which covers the loss if proved but does not assess it, and therefore cannot be recovered as such. If it is a sum which can be regarded as a genuine pre-estimate by the parties of the loss which they contemplated would flow from the breach, it is liquidated damages. **If on the other hand the sum does not attempt to**

[17] Mirabelli, Dei Contratti in Generale, Commentario Utet, 254s u 257; Qorti tal-Kassazzjoni Taljana C 98/11204 u 91/6561.

[18] Trimarchi, La Clausola Penale, 21s.

[19] Zoppini, La Clausola Penale e la caparra, Tr. Rescigno-Gabrielli, I, 2, 1013s.

**assess the loss, but is imposed as security for the due performance of the contract, it is a penalty.**[20]

Hi x'inhi t-tifsira li ried jagħti l-leġislatur, din mhix xi waħda tassattiva imma indikattiva. Lanqas hi xi regola ta' ordni pubbliku. Għalhekk il-partjiet f'kuntratt jistgħu liberament jagħtu kull tifsira oħra li jogħġobhom jagħtu lill-klawżola penali.

Fil-kuntratt t'appalt li sar bejn il-partijiet f'din il-kawża, fil-parti intitolata *Time Frames* hemm stipulata penali għad-dewmien. Imbagħad jissokta jingħad li "*The Contractor will **also**[21] be liable to compensate the Customer for any damages incurred as a consequence of the delay in the completion of the work*". Il-kelma *also* turi biċ-ċar li l-penali imposta mill-kuntratt mhix waħda risarċitorja; fi kliem ieħor mhix intiża bħala likwidazzjoni tad-danni. Li kieku kien mod ieħor, it-tieni parti kienet tkun superfluwa. Min-naħa l-oħra, ċertament il-kuntratt ma jistax jinftiehem bħala li jakkorda danni iktar minn dawk sofferti mill-kreditur.

Stabbilit li f'dan il-każ, il-penali mhix kumpens għad-danni, ma tistax tiġi akkordata mill-Qorti, għaliex ma ġietx mitluba fir-Rikors Ġuramentat. L-attur jitlob biss id-danni, u mhux il-penali. Mhux biss imma. Jispeċifika kemm fil-premessi kif ukoll fit-talbiet fiex jikkonsistu dawn id-danni: xogħol ogħla, u xogħol biex jiġi rranġat dak li sar (skontu) ħażin. M'hemmx dubju li ma jistgħux jinkludu l-penali imposta biss minħabba d-dewmien.

L-attur ma ressaq l-ebda prova dwar id-danni dovuti għal telf ta' bejgħ minħabba li x-xogħol waqa' lura. Lanqas li sar xi xogħol ħażin.

[20] The Laws of England Vol 10 paġni 328, 329; para. 604.

[21] L-enfażi hija tal-Qorti.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(i) Tiċħad l-ewwel u t-tieni talba.

(ii) Tilqa' in parte t-tielet talba u tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għad-danni kaġunati lill-attur, liema danni jikkonsistu, f'rati ferm ogħla, illi l-attur sofra minħabba li kellu jinkariga lill-ħaddieħor sabiex ikompli bix-xogħlijiet.

(iii) Tilqa' r-raba' talba u tillikwida d-danni fis-somma ta' €86,170.

(iv) Tilqa' l-ħames talba u tikkundanna lill-konvenut, iħallas lill-attur, l-ammont hekk likwidat.

Spejjeż nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA